MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 223/2005

**PERFECT SCREEN PRINTERS LIMITED**

**V**

**BRISTOW POTTERIES LIMITED**

**Il-Qorti;**

Rat li s-socjeta attrici ipprezentat avviz fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn talbet lil din l-istess Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ elfejn u sitt mitt lira maltin u tmienja w erbghin centezmu [LM2,600.48], rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ xogholijiet ezegwiti minnha fuq inkarigu u ghal beneficcju tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-hmistax ta’ Dicembru 2005, u l-mandat ta’ sekwestru numru 902, oltre l-imghax legali dekorribbli b’effett mid-data li fih gie kkonsenjat x-xoghol sal-pagament effettiv.

Rat n-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar 14 ta' Gunju 2005 fejn eccepiet li:-

Preliminarjament l-azzjoni hija perenta in forza tal-artikolu 2148(a) u (b) u 2149(a) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta].

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kwantu ghal mertu.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta din il-kawza.

Rat illi l-atti ta' din il-kawza gew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar it-30 ta' Jannar 2007.

Semghet id-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza odjerna u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza u dan dis-seduta tal-15 ta' Marzu 2007.

Ikkunsidrat:

**David Grima,** direttur tas-socjeta konvenuta, prodott mill-istess socjeta konvenuta, xehed nhar t-tlieta ta' Novembru 2005. Huwa kkonferma li fix-xahar ta' Ottubru 2001, s-socjeta konvenuta kienet ordnat tvalji minghand s-socjeta attrici skond l-*invoice* esibit fl-atti markat bhala dokument VG 1 u dan b'valur ta' elfejn u sitt mitt [LM2,600] lira Maltin. Spjega pero li dawn kienu *on consignment* fis-sens li kellu jesponihom ghal bejgh fil-hanut tieghu u meta jbieghhom, huwa jghaddi l-flus taghhom lis-socjeta attrici. Gara li huwa ma baqax ibiegh din il-linja ta' oggetti fil-hanut tieghu u kien informa lis-socjeta attrici sabiex tmur u tigbor t-tvalji taghha. Illi dan pero ma sehhx u wara zmien konsiderevoli, fil-hamsa ta' Frar 2005, huwa ricieva ittra ufficjali minghand s-socjeta attrici fejn talbitu ihallasha s-somma ta elfejn u sitt mitt lira Maltin (LM2,600).

In kontr’ezami, x-xhud spjega li l-kwistjoni li kellu mas-socjeta attrici kienet biss dwar t-tvalji u mhux dwar oggetti ohra li s-socjeta attrici kienet tissuplixxih. Ikkonferma li fis-snin ta’ wara din il-konsenja, huwa ghamel diversi pagamenti akkont, pero akkont ta’ *invoices* li ma kienux kkontestati. Huwa kkonferma li ftehim bil-miktub bejnu u bejn s-socjeta konvenuta ma kienx hemm dwar din il-konsenja u l-unika kommunikazzjoni li kien hemm bejnu u bejn is-Sur Xuereb ghan-nom tas-socjeta attrici kienet dwar it-tvalji biex johodhom lura u s-socjeta attrici ma rieditx ghaliex insistiet li ma kienux *on consignment* izda ghal bejgh regolari.

**Francis Xuereb,** prodott mis-socjeta attrici xehed fl-istess jum tat-tlieta ta’ Novembru 2005, w esibixxa statement dettaljat li juri l-bilanc dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici fl-ammont ta’ elfejn u sitt mitt [LM2,600] lira maltin. Huwa kkonferma li kien iltaqa ma Mark Grima, direttur tas-socjeta konvenuta u kien talbu sabiex jiehu xi tvalji minghandu u jesponihom ghal bejgh fil-hanut tieghu gewwa Ta’ Qali. Ikkonferma li negozju iehor mas-socjeta konvenuta, kellu. Huwa cahad li s-socjeta tieghu tikkonsenja oggetti *on consignment* izda kkonferma li l-konsenji taghha jkunu *for an out right sale* u jekk kien hemm xi kaz ta’ bejgh *on consignment*, dan isir b’*agreement* specifiku. Huwa cahad li kellu dan il-ftehim specifiku mas-socjeta konvenuta. Stqarr li s-socjeta konvenuta kienet taghmel pagamenti mensili akkont tal-kontijiet li kien hemm bejiethom u kien biss fix-xahar ta’ Frar 2004 meta s-socjeta kienet ghamlet pagament specifiku ta’ tlett mija u sebghin lira u tlieta u sebghin centezmu [LM370.73] biex tkopri invoice partikolari. Kien wara dan z-zmien li s-socjeta konvenuta talbitu sabiex jiehu lura t-tvalji akkont tal-bilanc dovut minnha u huwa nfurmha li ma kienx interessat.

Is-socjeta konvenuta esebiet is-segwenti dokumentazzjoni u cioe d-dokument BPL 1, kopja tal-fattura relattiva ghal import mitlub fl-avviz; dokument BPL 2 ittra ufficjali mibghuta lis-socjeta konvenuta mis-socjeta attrici datata hamsa w ghoxrin ta’ Frar 2005; dokument BPL 3 twegiba tas-socjeta konvenuta ghal ittra ufficjali datata tmienja ta’

Marzu 2005 u d-dokument FX 1, *transaction history* tan-negozju bejn il-partijiet ghal perjodu ta' bejn is-sena 2001 sas-sena 2004.

Illi nhar t-tnejn ta' Frar 2006, seduta stante s-socjeta konvenuta pprezentat nota ta' dokumenti u minn ezami taghhom jirrizulta s-segwenti:

a. li l-pagamenti li kienu jsiru mis-socjeta konvenuta kienu jsiru ghal fatturi specifici u mhux akkont ta' xi bilanc kif indika l-attur nomine [vide dokumenti immarkati bhala BPL 1, BPL 2, BPL 3 u BPL 4].

**Francis Xuereb** xehed nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006 u qal li effettivament s-socjeta konvenuta kienet ghamlet diversi ordnijiet ghal tvalji u li effettivament kienu saru diversi konsenji u taghhom kien sar hlas. Illi pero fix-xhieda tieghu tat-tnax ta' Ottubru 2006, meta gie mistoqsi x'jirrapprezenta l-bilanc pretiz f'din il-kawza u ghal liema *invoices* jirreferi, huwa ma kienx f'posizzjoni li jirrispondi u li kellu bzonn jaghmel analizi aktar dettaljata u dan peress li l-kont li jzomm mal-konvenut nomine huwa *on an ongoing basis*, fil-fehma tieghu, il-konvenut nomine biss setgha jipprova liema *invoices* ma thallsux.

Ikkunsidrat:

Kif diga inghad, is-socjeta konvenuta qeghda tghid illi l-azzjoni intavolata kontriha kienet perenta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) u (b) u l-artikolu 2149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 2148 (a) u (b) jistipula illi:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz ta' l-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

(*b*) l-azzjonijiet ta’ kredituri għall-prezz ta’ merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;

Dwar l-ewwel ipotesi u cioe dak li hemm kontemplat fl-artikolu 2148(a) tal-kap. 16, il-Qorti tirrileva illi s-socjeta attrici ma tikkwalifikax bhala persuna li tezercita wahda mis-snajjiet hemm imsemmija u ghalhekk zgur li din il-preskrizzjoni ma hijiex applikabbli.

Illi dwar it-tieni ipotesi, din il-Qorti tirrileva illi minn imkien ma jirrizulta illi l-merkanzija li bieghet is-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta giet mibjugha bl-imnut. Dwar x’jikkonsisti “bl-imnut”, il-Qorti tirreferi ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** deciza fis-7 ta’ Dicembru, 2005 fejn intqal illi “*fil-kaz ta’ bejgh “bl-imnut” huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta’ konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. (Ara* ***Kollez. Vol. XLV P III p 813****). Dan ifisser li fl-Artikolu 2148 (b) il-ligi taghna tipprexxindi mill-kwalita` tal-persuni u anzi ma tharesx lejn dik li tista’ tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita partikulari in kwestjoni per se (****Kollez. Vol. XLVIII P II p 959****);*

L-istess Qorti ta’ l-Appell kompliet tghid illi “*L-istess gurisprudenza tistabbilixxi mbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f’opra (****Kollez. Vol. XXIII P I p 909****) jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantita apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa (“****Giuseppe Borg -vs- Dr. Giovanni Bonello et nomine et****”, Appell Civili, 22 ta’ Gunju 1970). Ghalhekk il-grossista “vende per lo piu` a coloro i quali commerciano della cosa comprata” mentri l-imnutant “vende per lo piu`a compratori e in piccole quantita misurata al bisogno di costoro” (Vol. XXI P III p* ***235****). Fl-ewwel kaz il-kreditu hu soggett ghall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita` fl-*

*Artikolu 2156 (f), fil-kaz tat-tieni, ghall-preskizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provvdut fl-Artikolu 2148 (b)*".

Illi lanqas dan it-tieni paragrafu (b) tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16 ma huwa applikabbli.

Jifdal ghalhekk x'jigi deciz jekk hux applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn (l-artikolu 2149 (a) tal-Kap.16). Dan l-artikolu tal-ligi jghid:

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:*

(a) *l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu.*

Illi l-generu ta' negozju ezercitat bejn il-partijiet zgur li ma jaqax fil-parametri ta' dan l-artikolu tal-ligi u ghalhekk lanqas ma huwa applikabbli ghal dan il-kaz. Ma jirrizultax mill-atti processwali illi s-socjeta attrici kienet qeghda tahdem xi opra partikolari u li hija ghaddiet din l-opra lis-socjeta konvenuta. Kull ma jirrizulta huwa bejgh normali ta' merkanzija varja bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti, u dan versu l-korrispettiv ta' hlas. Di fatti skond ma jghid Francis Xuereb fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2005 "*il-kumpanija li jiena taghha direttur bdiet timporta direttament minn barra minghajr ebda xoghol, kienet diga qeghda timporta minn barra tvalji u affarijiet ohra ta' embroidery relatati minghajr ma il-kumpanija taghmel xi xogholijiet fuqhom u konna nimpurtawhom biex inbieghuhom fuq is-suq lokali*". Illi ghalhekk jekk xejn tezisti importazzjoni u mhux manifattura ta' oggetti.

Hadd mill-partijiet ma xehed dwar il-generu ta' negozju ezistenti bejniethom u x-xhieda kienet tikkoncentra biss dwar jekk l-oggetti kienux moghtija *on consignment* u dwar il-modalitajiet ta' hlasijiet li kienu jsiru.

Issa jmiss li jigi deciz allura l-kaz fuq il-mertu galadarba l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni tas-socjeta konvenuta huma infondati.

Mill-provi akkwiziti, din il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta konvenuta ghandha taghti l-ammont reklamat mis-socjeta attrici fl-avviz u cioe ta' elfejn u sitt mitt lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm2600.48c) rapprezentanti bilanc ghall oggetti mibjugha u ikkonsenjati lis-socjeta konvenuta, fatt dan li qatt ma gie ikkontestat fin-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

GHALDAQSTANT din il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' elfejn u sitt mitt lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm2600.48c) lis-socjeta attrici bl-imghax mid-data ta' meta l-ammont relattiv kien dovut sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha a kariku tas-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------